***QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)***
***BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI***
***MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG JURIS (EU LAW)***

Illum 22 ta' Gunju 2004

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Caruana)

Vs

Massimo Galea
Fabian Scriha

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Massimo Galea ta' karta numru ta' identita' 134680(M) u Fabian Scriha ta' karta ta' identita' 266885(M) akkuzati talli:

F'tas-Sliema, is-27 ta' Dicembru 2002, ghall-habta ta' 2:00 ta' wara nofs inhar, ikkommettejtu serq ta' stereo minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000), u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dtriment ta' persuna/i mhux maghrufa.

Talli fl-istess data u matul jiem ta' qabel din id-data, f'Malta xjentement ilqghajtu ghadkom jew xtrajtu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indhaltu biex tbieghhom jew tmexxuhom.

Lill-Fabian Scriha wahdu:

Talli ksirt il-provedimenti ta' l-Artikoli 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' sentenza tal-Qorti ta' Magistrati (Malta) datata 23 ta' Settembru, 2002 li biha kien gie misjub hati ta' reati u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet l-imputati jamettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni huma ippersistew anka wara l-Qorti tathom zmien jahsbuha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi jittrattaw serq aggravat bil-mezz, bil-valur u x-xorta tal-haga misruqa. Hemm ukoll l-akkuza alternattiva tar-ricettazzjoni. L-imputat Fabian Scriha hu oltre

akkuzat li kiser il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 impost fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti diversament kostitwita.

Din li l-akkuzi jirrisultaw huma ben car kemm mill-ammissjoni u kemm mill-istqarrijiet rispettivi taghhom rilaxxjati mill-Pulizija fejn ukoll jirrisulta r-reat iehor ta' attentat ta' serq u hsara. B'dan l-ahhar reat l-imputati mhux qeghdin jigu akkuzati.

Issa bejn is-serq u r-ricettazzjoni li ghalkemm reati distinti u separati minn xulxin hemm l-esklusjoni bejniethom fis-sens li reat wiehed jinnewtralizza lill-iehor. Fil-kaz in desamina m'hemmx dubbju li r-reat li jreggi hu dak ta' serq.

Dwar il-piena rat l-Artikolu 261(b)(c)(g), 264, 267, 271(g), 278, 279(a), 280 tal-Kap 9 fil-konfront taz-zewg imputati u l-Artikolu 10 tal-Kap 152 fil-konfront tal-imputat Fabian Scriha  u tilliberahom taht il-provediment tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 kif in vigore fi zmien il-kommissjoni tar-reat ghall-tlett snin mill-lum.

A.M.Trigona
Magistrat